# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI

## BOT

ippreżentati fit-12 ta' Mejju 2009 [1]

1. Il-kawża preżenti għandha tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tispeċifika l-obbligi tal-qorti Komunitarja li jirriżultaw mill-prinċipju ta' kontradittorju meta din il-qorti tqajjem *ex officio* motiv ta' ordni pubbliku.

2. Il-kuntest tagħha huwa l-appell ippreżentat mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-12 ta' Diċembru 2007, L-Irlanda *et* vs Il-Kummissjoni [2], li fiha din il-qorti annullat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/323/KE tas-7 ta' Diċembru 2005 dwar l-eżenzjoni mid-dazju tas-sisa fuq iż-żjut minerali użati bħala kombustibbli għall-produzzjoni ta' allumina fir-reġjun ta' Gardanne, fir-reġjun ta' Shannon u f'Sardinja, implementata rispettivament minn Franza, l-Irlanda u l-Italja [3].

3. Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat li kienet inkompatibbli mas-suq komuni ċerti eżenzjonijiet mid-dazji tas-sisa fuq żjut minerali li kienu ġew awtorizzati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fuq proposta tagħha, bosta snin qabel, skont id-direttivi rilevanti dwar id-dazju tas-sisa.

4. F'din id-deċiżjoni hija qieset li dawn l-eżenzjonijiet ma kinux jikkostitwixxu għajnuna eżistenti, iżda għajnuna ġdida li, għaldaqstant, kellha, fil-prinċipju, tiġi rkuprata mingħand il-benefiċjarji tagħha. Madankollu, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li d-deċizjonijiet tal-Kunsill li awtorizzawhom ħolqu aspettattivi leġittimi li kienu konformi mar-regoli tas-suq komuni. Għaldaqstant, hija ordnat l-irkupru tal-għajnuna biss mid-data ta' pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* tal-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali tal-imsemmija eżenzjonijiet fir-rigward tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

5. Id-deċiżjoni kkontestata kienet is-suġġett ta' rikors għal annullament ippreżentat mill-

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — T-50/06, T-56/06, T-60/06, T-62/06 u T-69/06, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata".

3 — ĠU 2006, L 119, p. 12, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata".

Irlanda, mir-Repubblika ta' Franza u mir-Repubblika tal-Italja, kif ukoll minn żewġ kumpanniji Eurallumina SpA [4] u Aughinish Alumina Ltd [5].

6. Fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza qajmet *ex officio* l-motiv li skontu l-imsemmija deċiżjoni kienet ivvizzjata minn nuqqas ta' motivazzjoni peress li kienet tipprovdi, mingħajr spjegazzjoni, li l-eżenzjonijiet ikkontestati ma kinux jikkostitwixxu għajnuna eżistenti fis-sens tal-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 [6].

7. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddikjarat l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata abbażi ta' dan il-motiv mingħajr ma ħadet preċedentement inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet tal-partijiet fuq dan tal-aħħar.

8. Insostenn tat-talba tagħha għall-annullament tas-sentenza appellata, il-Kummissjoni tinvoka diversi aggravji. Fl-ewwel lok, hija ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma kellhiex id-dritt li tqajjem *ex officio* l-motiv inkwistjoni u, fit-tieni lok, li hija kisret il-prinċipju ta' kontradittorju. Hija titlob ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi li s-sentenza appellata hija żbajata peress li din tiddikjara li d-deċizjoni kkontestata hija vvizzjata minn ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni f'dak li jirrigwarda l-inapplikabbiltà tal-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999.

9. Jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-Qorti tal-Prim'Istanza kellha perfettament id-dritt li tqajjem *ex officio* dan il-motiv, però li hija kienet obbligata, skont il-prinċipju ta' kontradittorju, li tieħu inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet tal-partijiet fuq l-imsemmi motiv. Minn dan jiena nasal għall-konklużjoni li n-nuqqas ta' osservanza ta' dan ir-rekwiżit jiġġustifika l-annullament tas-sentenza appellata.

10. Jiena nipproponi wkoll lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi li d-deċiżjoni kkontestata ma hijiex ivvizzjata minn nuqqas ta' motivazzjoni f'dak li jirrigwarda l-inapplikabbiltà tal-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999 u sabiex tirrinvija l-proċess lill-Qorti tal-Prim'Istanza biex din teżamina l-motivi għall-annullament tal-imsemmija deċizjoni mressqa mit-tliet Stati Membri u miż-żewġ kumpanniji.

## I — Il-kuntest ġuridiku

### A — *Id-direttivi relattivi għad-dazji tas-sisa fuq iż-żjut minerali*

11. Id-dazji tas-sisa fuq iż-żjut minerali kienu s-suġġett ta' bosta direttivi, jiġifieri d-Direttiva

4 — Iktar 'il quddiem "Eurallumina".

5 — Iktar 'il quddiem "Aughinish Alumina".

6 — Regolament tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [88 KE] tat-Trattat tal-KE (ĠU L 83, p. 1).

tal-Kunsill 92/81/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi għad-dazji tas-sisa fuq iż-żjut minerali [7], id-Direttiva tal-Kunsill 92/82/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-approssimazzjoni tad-dazji tas-sisa fuq iż-żjut minerali [8], u d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità ta' tassazzjoni fuq il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku [9], li tħassar id-Direttivi 92/81 u 92/82 b'effett mill-31 ta' Diċembru 2003

mill-Kunsill, sabiex jibqgħu japplikaw ir-rati mnaqqsa jew l-eżenzjonijiet imsemmija fl-Anness II tagħha, li jsemmi l-eżenzjonijiet mid-dazji tas-sisa fuq iż-żejt tqil użat bħala karburant għall-produzzjoni ta' allumina fir-reġjun ta' Gardanne, fir-reġjun ta' Shannon u f'Sardinja

B — *L-iskema ta' għajnuna mill-Istat*

12. L-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 92/81 kien jippermetti lill-Kunsill li jawtorizza, fuq proposta tal-Kummissjoni, lil Stat Membru sabiex idaħħal eżenzjonijiet jew tnaqqis mid-dazji tas-sisa minbarra dawk previsti fl-imsemmija direttiva.

1. It-Trattat KE

13. Id-Direttiva 2003/96 tipprovdi, fit-tieni inċiż tal-Artikolu 2(4)(b), tagħha li hija ma tapplikax għal prodotti ta' enerġija ta' użu doppju, jiġifieri dawk li huma intiżi kemm bħala karburant li jsaħħan kif ukoll għal skopijiet oħra barra minn karburant tal-karozzi jew karburant li jsaħħan. B'hekk, sa mill-31 ta' Diċembru 2003, id-data li fiha daħlet fis-seħħ din id-direttiva, ma għadx hemm iktar rata minima ta' sisa fuq iż-żejt tqil użat bħala karburant għall-produzzjoni ta' allumina. Barra minn hekk, l-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2003/96 jawtorizza lill-Istati Membri, suġġett għal eżami minn qabel

14. L-Artikolu 87(1) KE jipprovdi li:

"Bla ħsara ta' kull deroga kontemplata f'dan it-Trattat, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, sa fejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq komuni."

7 — ĠU L 316, p. 12.
8 — ĠU L 316, p. 19.
9 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 405.

15. L-Artikolu 88 KE jipprovdi li:

“1. Il-Kummissjoni għandha teżamina kostantement ma’ l-Istati Membri is-sistemi kollha ta’ għajnuna li jeżiżtu f’dawk l-Istati. Hija għandha tipproponi lil dawn tal-aħħar kull miżura xierqa meħtieġa għall-iżvilupp progressiv u għall-funzjonament tas-suq komuni.

2. Jekk, wara li ssejjaħ lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom, il-Kummissjoni ssib li miżura ta’ għajnuna mogħtija minn Stat, jew permezz tar-riżorsi ta’ Stat, ma hijiex kompatibbli mas-suq komuni skond l-Artikolu 87, jew li dik l-għajnuna tkun applikata b’mod inġust, hija għandha tieħu deċiżjoni li tirrikjedi lill-Istat interessat li jabolixxi dik l-għajnuna jew li jimmodifikaha fit-terminu preskritti mill-Kummissjoni.

[…]

3. Il-Kummissjoni għandha tiġi informata, fil-ħin biex tissottometti l-osservazzjonijiet tagħha, dwar kull proġett biex tiġi mogħtija jew biex tiġi modifikata għajnuna. Jekk tikkunsidra li proġett bħal dak ma jkunx kompatibbli mas-suq komuni skond it-termini tal-Artikolu 87, hija għandha mingħajr dewmien tibda l-proċedura prevista fil-paragrafu qabel dan. L-Istat Membru interessat ma jistgħax idaħħal fis-seħħ il-proġetti proposti tiegħu qabel ma dik il-proċedura deċiżjoni finali. ”

2. Ir-Regolament Nru 659/1999

16. Skont l-Artikolu 1(b) tar-Regolament Nru 659/1999, il-kunċett ta’ “għajnuna eżistenti” jinkludi:

“[…]

v) għajnuna li tinftiehem li hi għajnuna eżisten[t]i minħabba li jista’ jitwaqqaf [jista’ jiġi stabbilit] li meta daħlet fis-seħħ ma kkostitwietx għajnuna, u sussegwentement saret għajnuna minħabba l-evoluzzjoni [iżvilupp] tas-suq komuni u mingħajr ma nbidlet mill-Istat Memrbu. [..] [M]iżuri [li] jsiru għajnuna wara l-liberalizzazzjoni ta’ attività mill-liġi tal-Komunità, […] m’għandhomx ikunu kkunsidrati li huma għajnuna eżistenti wara d-data ffissata għall-liberalizzazzjoni.”

## II — Il-fatti li wasslu għall-kawża

17. L-Irlanda sa mill-1983, ir-Repubblika tal-Italja sa mill-1993 u r-Repubblika ta' Franza sa mill-1997 eżentaw mid-dazju tas-sisa ż-żjut minerali użati għall-produzzjoni ta' allumina, rispettivament, fir-reġjun ta' Shannon, f'Sardinja u fir-reġjun ta' Gardanne.

18. Dawn l-eżenzjonijiet kienu ġew awtorizzati rispettivament mid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 92/510/KEE [10], tal-Kunsill 93/697/KE [11] u tal-Kunsill 97/425/KE [12]. Dawn l-eżenzjonijiet ġew estiżi diversi drabi mill-Kunsill u l-aħħar estensjoni saret mid-Deċiżjoni 2001/224/KE [13], sal-31 ta' Diċembru 2006.

19. Il-ħames motiv tad-Deċiżjoni 2001/224 kien jipprovdi li d-deċiżjoni ma kinitx ta' ħsara għall-eżitu ta' eventwali proċeduri li għandhom x'jaqsmu ma' distorsjonijiet fil-funzjonament tas-suq uniku li setgħu jsiru b'mod partikolari skont l-Artikoli 87 KE u 88 KE, u li hija ma kinitx teżenta lill-Istati Membri, skont l-Artikolu 88 KE, mill-obbligu li jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'każijiet li setgħu potenzjalment ikunu għajnuna mill-Istat.

20. Permezz ta' tliet deċiżjonijiet tat-30 ta' Ottubru 2001, ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* fit-2 ta' Frar 2002 [14], il-Kummissjoni fetħet il-proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) KE fir-rigward ta' kull waħda mill-eżenzjonijiet inkwistjoni. Fit-tmiem ta' din il-proċedura, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata.

21. F'din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-eżenzjonijiet mogħtija qabel l-1 ta' Jannar 2004, id-data li fiha daħlet fis-seħħ id-Direttiva 2003/96, kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE.

22. Hija indikat li din l-għajnuna kellha tiġi analizzata bħala għajnuna ġdida u mhux bħala għajnuna eżistenti. Il-Kummissjoni bbażat din l-evalwazzjoni b'mod partikolari fuq il-fatt li l-eżenzjonijiet inkwistjoni ma kinux jeżistu qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat fl-Istati Membri kkonċernati, li huma qatt ma kienu

10 — Deċiżjoni tad-19 ta' Ottubru 1992 li tawtorizza lill-Istati Membri sabiex jibqgħu japplikaw, fil-konfront ta' ċerti żjut minerali użati għal skopijiet speċifiċi, tnaqqis fid-dazji tas-sisa jew eżenzjonijiet mid-dazji tas-sisa eżistenti, skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 92/81/KEE [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 316, p. 16).

11 — Deċiżjoni tat-13 ta' Diċembru 1993, li tawtorizza lill-ċerti Stati Membri sabiex japplikaw jew jibqgħu japplikaw, fil-konfront ta' ċerti żjut minerali użati għal skopijiet speċifiċi, tnaqqis jew eżenzjonijiet mid-dazji tas-sisa, skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 92/81/KEE [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 321, p. 29).

12 — Deċiżjoni tat-30 ta' Ġunju 1997 li tawtorizza lill-Istati Membri sabiex japplikaw jew jibqgħu japplikaw, fil-konfront ta' ċerti żjut minerali użati għal skopijiet speċifiċi, tnaqqis fid-dazji tas-sisa jew eżenzjonijiet mid-dazji tas-sisa eżistenti, skont il-proċedura prevista fid-Direttiva 92/81/KEE [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 182, p. 22).

13 — Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rati mnaqqsa tat-taxxa tas-sisa u l-eżenzjonijiet minn din it-taxxa fuq ċerti żjut minerali meta jintużaw għal skopijiet speċifiċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 342).

14 — ĠU C 30, p. 17, 21 u 25 rispettivament.

ġew awtorizzati mill-Kunsill jew minnha stess abbażi tar-regoli li jirregolaw l-għajnuna mill-Istat u li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(6) tar-Regolament Nru 659/1999 ma kinux japplikaw [15].

23. Fil-punt 69 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ddikjarat li l-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999 ma kienx japplika għal dan il-każ.

24. Sussegwentement hija spjegat sa fejn l-għajnuna inkwistjoni kienet inkompatibbli mas-suq komuni.

25. Fir-rigward tal-eżenzjonijiet mogħtija mill-1 ta' Jannar 2004 'l quddiem, hija ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 88(2) KE.

26. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni eżaminat sa fejn l-għajnuna, li kienet tikkonsisti fl-eżenzjonijiet mogħtija sal-31 ta' Diċembru 2003, kellha tiġi rkuprata. Hija fakkret li l-Istati Membri huma obbligati li jirkupraw l-għajnuna illegali ddikjarata inkompattibli mas-suq komuni, ħlief jekk dan l-irkupru jmur kontra xi prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju bħalma huwa l-prinċipju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jew dak taċ-ċertezza legali.

27. Il-Kummissjoni qieset li, fid-dawl tad-deċiżjonijiet ta' eżenzjonijiet u minħabba l-fatt li dawn, inkluża d-Deċiżjoni 2001/224, kienu ġew adottati fuq proposta tagħha, l-benefiċjarji tal-eżenzjonijiet ikkontestati huma intitolati li jibbażaw ruħhom fuq aspettattivi leġittimi li dawn l-eżenzjonijiet kienu konformi mad-dritt Komunitarju inġenerali, iżda dan japplika sat-2 ta' Frar 2002, id-data ta' pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* tad-deċiżjonijiet dwar il-ftuħ tal-proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) KE.

28. Fid-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata, jingħad illi l-eżenzjonijiet inkwistjoni mogħtija sal-31 ta' Diċembru 2003 jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE, li din l-għajnuna mogħtija bejn it-3 ta' Frar 2002 u l-31 ta' Diċembru 2003 hija inkompatibbli mas-suq komuni sa fejn il-benefiċjarji tagħha ma kinux ħallsu dazju ta' għall-inqas EUR 13.01 għal kull 1 000 kilogramm ta' żejt minerali tqil u li l-imsemmija għajnuna illegali kellha tiġi rkuprata mit-tliet Stati Membri kkonċernati.

15 — Din id-dispożizzjoni tipprovdi li għajnuna hija meqjusa awtorizzata meta tkun ġiet innotifikata lill-Kummissjoni u din ma tkunx ħadet deċiżjoni fi żmien xahrejn.

**III — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u s-sentenza appellata**

29. Permezz ta' rikorsi ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fis-16, fis-17 u fit-23 ta' Frar 2006, l-Irlanda, ir-Repubblika ta' Franza u r-Repubblika tal-Italja, Eurallumina SpA u Aughinish Alumina Ltd ippreżentaw rikorsi għall-annullament totali jew parzjali tad-deċiżjoni kkontestata. Id-diversi kawżi ġew magħquda flimkien għall-finijiet tal-proċedura orali u tas-sentenza.

30. Skont is-sentenza appellata, ir-rikorrenti fl-ewwel istanza invokaw essenzjalment 23 motiv bbażati, b'mod partikolari, fuq il-klassifikazzjoni żbaljata tal-eżenzjonijiet ikkontestati bħala għajnuna ġdida meta kienu jikkostitwixxu għajnuna eżistenti, u fuq il-ksur tal-prinċipji tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, taċ-ċertezza legali, tal-osservanza ta' terminu raġonevoli, tal-preżunzjoni ta' validità, tal-prinċipju ta' *lex specialis derogat lege generali*, tal-effett utili u tal-amministrazzjoni tajba. Kienu invokati wkoll il-ksur tal-Artikolu 87 KE, kif ukoll l-obbligu ta' motivazzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan l-artikolu.

31. Skont il-punt 46 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddikjarat li kienet tikkunsidrah opportun li tirrileva *ex officio* l-motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata fir-rigward tan-inapplikabbiltà tal-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999.

32. Wara li fakkret li n-nuqqas ta' motivazzjoni jew l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni huma motiv ta' ordni pubbliku li għandu jitqajjem *ex officio* mill-qorti Komunitarja kif ukoll il-ġurisprudenza dwar il-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni ta' att Komunitarju, hija spjegat kif fid-deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni eżaminat jekk l-eżenzjonijiet inkwistjoni kinux għajnuna ġdida jew għajnuna eżistenti u kkonstatat li l-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999 ma kienx japplika f'din il-kawża, mingħajr ma tat ir-raġunijiet għal din l-inapplikabbiltà.

33. Fil-punti 56 sa 62 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li ċ-ċirkustanzi partikolari li ġejjin kienu jobbligaw lill-Kummissjoni li tagħti, b'mod partikolari, ir-raġunijiet għall-inapplikabbiltà ta' din id-dispożizzjoni.

34. Fl-ewwel lok, f'bosta deċiżjonijiet li jawtorizzaw l-eżenzjonijiet inkwistjoni, hemm imsemmi li l-Kummisjoni tirrikonoxxi li dawn l-eżenzjonijiet ma jagħtux lok għal distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-ebda kumment ma jwassal sabiex wieħed jaħseb li l-kunċett ta' distorsjoni tal-kompetizjoni għandu jkollu portata differenti f'materja fiskali u fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. F'ħafna minn dawn id-deċiżjonijiet huwa msemmi wkoll li l-Kummissjoni sejra teżamina b'mod regolari l-eżenzjonijiet inkwistjoni sabiex tiżgura li huma kompatibbli mal-funzjonament tas-suq intern u ma' għanijiet oħra tat-Trattat.

35. Fit-tieni lok, fil-punt 97 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li dawn id-deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni, adottati wara proposti tagħha stess, setgħu jagħtu l-impressjoni li l-eżenzjonijiet inkwistjoni ma setgħux jiġu klassifikati bħala għajnuna mill-Istat meta jiġu implementati. Skont il-Qorti tal-Prim'Istanza, il-fatt li dan il-punt tal-motivi jinsab fil-parti relattiva għall-irkupru tal-għajnuna ma jistax inaqqas il-portata tiegħu fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' din l-għajnuna inkwistjoni bħala għajnuna mill-Istat.

36. Fit-tielet lok, l-eżenzjonijiet inkwistjoni kienu ġew awtorizzati u estiżi mill-Kunsill fuq proposta tal-Kummissjoni u, apparti d-Deċiżjoni 2001/224, l-ebda waħda minnhom ma semmiet possibbiltà ta' kunflitt mar-regoli dwar għajnuna mill-Istat. Fil-punt 96 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tenfasizza li l-persuni interessati ma jistennewx li l-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill proposti li huma inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat.

37. Minn dawn il-fatti l-Qorti tal-Prim'Istanza ddeduċiet li l-Kummisjoni kienet kisret l-obbligu ta' motivazzjoni impost fuqha bis-saħħa tal-Artikolu 253 KE, f'dak li jirrigwarda l-inapplikabbiltà tal-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999.

38. Hija ddikjarat l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata u kkundannat lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż.

## IV — L-appell

39. Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tannulla s-sentenza appellata, sabiex tirrinvija l-kawżi quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u sabiex tirriżerva l-ispejjeż.

40. L-Irlanda, ir-Repubblika ta' Franza, ir-Repubblika tal-Italja, Eurallumina u Aughinish Alumina jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

41. Sussidjarjament, Eurallunina titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-każ li din tilqa' is-sitt aggravju tal-appell tal-Kummissjoni, li jipprovdi li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma setgħetx tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn li din id-deċiżjoni estendiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali għall-eżenzjonijiet għall-perijodu ta' wara l-1 ta' Jannar 2004, li tannulla s-sentenza appellata biss fir-rigward ta' din l-estenzjoni.

42. Insostenn tat-talba tagħha għall-annullament tas-sentenza appellata u għar-rinviju tal-kawżi quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, il-Kummissjoni tressaq sitt aggravji.

43. L-ewwel aggravju huwa intiż li juri li l-Qorti tal-Prim'Istanza eċċediet il-ġurisdizzjoni tagħha meta qajmet *ex officio* l-motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. It-tieni aggravju huwa bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' kontradittorju u tad-drittijiet tad-difiża. It-tielet aggravju huwa intiż li jipprova li l-kwistjoni dwar jekk l-għajnuna inkwistjoni kinitx taqa' taħt l-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999 setgħetx tiġi eżaminata. Ir-raba' u l-ħames aggravji huma intiżi li juru li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li d-deċiżjoni kkontestata kienet ivvizzjata minn ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni f'dak li jirrigwarda l-inapplikabbiltà tal-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999. Finalment, fis-sitt aggravju, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma setgħetx tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn din tal-aħħar estendiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tal-eżenzjonijiet ta' wara l-31 ta' Diċembru 2003.

44. Qabel ma jsir l-eżami ta' dawn l-aggravji, għandu jiġi mfakkar li fil-punt 46 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddikjarat li hija kienet tikkunsidra opportun li tqajjem *ex officio* l-motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata f'dak li jirrigwarda l-inapplikabbiltà tal-Artikolu 1 (b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999.

45. Waqt is-seduta, kien ġie kkonfermat li, għalkemm ir-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza kienu tabilħaqq ikkontestaw il-klassifikazzjoni ta' għajnuna ġdida magħmula mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata u b'hekk sostnew li l-eżenzjonijiet inkwistjoni kellhom jiġu kklassifikati bħala għajnuna eżistenti, fl-ebda mument huma ma bbażaw l-argument tagħhom fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 (b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999 [16].

46. Għaldaqstant, għall-finijiet tal-iżviluppi li ġejjin, għandu jiġi kkunsidrat stabbilit, minn naħa, li l-partijiet ma sostnewx quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza li l-eżenzjonijiet inkwistjoni kellhom jiġu kklassifikati bħala għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999 u, min-naħa l-oħra, li l-motiv imqajjem *ex officio* mill-Qorti tal-Prim'Istanza, dwar il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni f'dak li jirrigwarda l-inapplikabbiltà ta' din id-dispożizzjoni, ma ġiex diskuss mill-partijiet.

A — *Fuq l-ewwel aggravju*

1. L-argumenti tal-partijiet

47. L-ewwel aggravju tal-appell huwa formalment ibbażat fuq in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni

16 — L-Irlanda u Aughinish Alumina sostnew li l-eżenzjonijiet inkwistjoni kienu jikkostitwixxu għajnuna eżistenti, bissaħħa, minn naħa, tal-Artikolu 1(b)(iii) tar-Regolament Nru 659/1999, minħabba li l-Kummissjoni ma kinitx ħadet deċiżjoni fi żmien xahrejn wara n-notifika tal-għajnuna u, min-naħa l-oħra, tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(b)(iv) u l-Artikolu 15(3) tal-istess Regolament meħuda flimkien, minħabba li huma kienu ilhom jeżistu għal iktar minn għaxar snin u, fl-aħħar nett, minħabba li huma kienu jikkorrispondu għal impenji legali vinkolanti tal-Irlanda meħuda qabel l-adeżjoni fil-Komunità Ewropea. Ir-Repubblika tal-Italja invokat l-Artikolu 1(b)(ii) tar-Regolament Nru 659/1999 minħabba li l-imsemmija eżenzjonijiet kienu ġew regolarment awtorizzati mill-Kunsill.

tal-Qorti tal-Prim'Istanza, fuq irregolaritajiet proċedurali li jippreġudikaw l-interessi tal-appellanti, fuq ksur tal-prinċipju dispożittiv, fuq ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 230 KE u 253 KE meħuda flimkien kif ukoll fuq il-ksur tal-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Artikoli 44(1) u 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

48. Dan l-aggravju huwa maqsum f'żewġ partijiet.

49. Fil-kuntest tal-ewwel parti, il-Kummissjoni ssostni li meta qajmet *ex officio* l-motiv ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ħarġet barra mill-kuntest tal-kawża hekk kif definit mill-partijiet u b'hekk eċċediet il-ġurisdizzjoni tagħha, kisret il-prinċipju dispożittiv, iddeċidiet *ultra petita* u wettqet irregolarità proċedurali li tippreġudika l-interessi tal-Kummissjoni.

50. Hija ssostni li, fid-dawl tal-obbligi tal-qrati nazzjonali fl-implementazzjoni tad-dritt Komunitarju, hekk kif kienu ġew definiti fis-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 1995, van Schijndel u van Veen [17] u tas-7 ta' Ġunju 2007, van der Weerd *et* [18], il-Qorti tal-Prim'Istanza ma setgħetx tqajjem *ex officio* l-motiv inkwistjoni għaliex dan il-motiv kien kompletament estranju għat-23 motiv imqajma mill-partijiet. Dawn tal-aħħar fl-ebda mument ma argumentaw li l-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999 seta' jkun rilevanti.

51. Fuq kollox, l-imsemmi motiv mhuwiex relatat mal-fatti li jirriżultaw mill-proċessi tal-ħames kawżi magħquda, li ma fihom ebda fatt ta' natura li jagħti x'jifhem li l-eżenzjonijiet ikkontestati ma kinux jikkostitwixxu għajnuna meta ġew imdaħħla fis-seħħ u li huma kienu saru għajnuna wara din id-data minħabba l-iżvilupp tas-suq komuni.

52. Fil-kuntest tat-tieni parti, il-Kummissjoni ssostni li l-motiv imqajjem *ex officio* huwa fil-fatt relatat mal-legalità sostantiva tad-deċiżjoni kkontestata u mhux mal-motivazzjoni tagħha peress li l-motivazzjoni meħtieġa mill-Qorti tal-Prim'Istanza ma hijiex neċessarja sabiex il-persuni interessati jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tad-deċiżjoni kkontestata u lanqas biex il-qorti tkun tista' teżerċita l-istħarriġ tagħha. B'hekk il-Qorti tal-Prim'Istanza kisret ir-regoli relattivi għar-rwol tal-qorti Komunitarja inkwantu l-istħarriġ tal-motivazzjoni tal-atti kkontestati, hekk kif kienu ġew spjegati permezz tal-ġurisprudenza, b'mod partikolari fis-sentenza tat-2 ta' April 1998, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France [19] li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja għamlet b'mod ċar id-distinzjoni bejn il-motivi intiżi sabiex jikkontestaw il-legalità esterna tal-att ikkontestat li, jekk ikun il-każ, il-qorti Komunitarja għandha tqajjem *ex officio,* u l-motivi li jirrigwardaw il-legalità interna li jistgħu jiġu eżaminati biss jekk ikunu tqajmu mill-partijiet.

17 — C-430/93 u C-431/93, Ġabra p. I-4705.

18 — C-222/05 sa C-225/05, Ġabra p. I-4233.

19 — C-367/95 P, Ġabra p. I-1719.

53. Il-Kummissjoni ssostni li meta l-Qorti tal-Prim'Istanza qajmet il-motiv inkwistjoni li, fil-fatt, jirrigwarda l-mertu tad-deċiżjoni kkontestata, hija kisret ukoll ir-regoli relattivi għall-obbligu li l-motivi jiġu ppreżentati fir-rikors, liema obbligu jinsab fl-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Artikoli 44 (1) u 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

54. L-appellati jikkontestaw dawn l-argumenti.

2. Il-kunsiderazzjonijiet

55. Bħall-appellati, jiena tal-opinjoni li l-ilmenti mressqa mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-ewwel aggravju tagħha ma humiex fondati.

56. Fl-ewwel lok, inkwantu l-ewwel parti ta' dan l-aggravju, il-ġurisdizzjoni tal-qorti Komunitarja li tqajjem *ex officio* motiv bħal dak imqajjem *ex officio* mill-Qorti tal-Prim'Istanza ma tistax tiġi deċiża fid-dawl tas-sentenzi van Schijndel u van Veen jew van der Weerd *et* imsemmija iktar 'il fuq u ċċitati mill-Kummissjoni.

57. Dawn is-sentenzi jikkonċernaw il-portata tal-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri fid-dawl tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività. Huma jirrigwardaw il-kwistjoni dwar jekk qorti nazzjonali għandhiex tqajjem *ex officio* l-applikazzjoni tad-dritt Komunitarju bis-saħħa ta' dawn il-prinċipji, skont jekk id-dritt proċedurali tagħha jipprovdix jew le li tista' tqajjem *ex officio* motiv ta' dritt nazzjonali. Is-sentenzi msemmija jispeċifikaw, b'mod partikolari, sa fejn il-prinċipju ta' effettività jobbliga lill-qorti nazzjonali li tqajjem *ex officio* motiv ta' dritt Komunitarju meta d-dritt proċedurali tagħha ma jħallihiex tqajjem *ex officio* motiv ta' dritt nazzjonali. Huwa f'dan il-kuntest li fis-sentenza van der Weerd *et*, iċċitata iktar 'il fuq, ġie deċiż li qorti nazzjonali ma hijiex obbligata li tqajjem *ex officio* l-appplikazzjoni tad-dritt Komunitarju meta, matul il-proċedura, il-partijiet kellhom il-possibbilità li jinvokaw dan il-motiv huma stess.

58. Dan il-limitu għall-portata tal-prinċipju ta' effettività ma huwiex trasponibbli għal din il-kawża li tirrigwarda evalwazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-qorti Komunitarja. Din il-ġurisdizzjoni tirriżulta minn regoli awtonomi, li joħorgu kemm minn regoli li jirregolaw il-proċedura quddiem il-qrati Komunitarji, kif ukoll mill-ġurisprudenza.

59. Ċertament, hekk kif ġustament fakkret il-Kummissjoni, jirriżulta wkoll minn dawn ir-regoli, partikolarment mill-Artikoli 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll mill-Artikolu 44(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, li l-każ huwa definit u limitat mill-partijiet. Minn dan jirriżulta li l-qorti Komunitarja ma għandhiex teċċedi

t-talbiet li l-partijiet jippreżentaw quddiemha. Fil-prinċipju hija għandha wkoll tiddeċiedi fuq dawn it-talbiet fil-kuntest tal-punti legali u fattwali esposti mill-partijiet.

60. Madankollu, ir-rwol tal-qorti Komunitarja ma huwiex wieħed passiv u ma għandux jiġi limitat għall-evalwazzjoni tal-merti tal-pożizzjoni ta' kull waħda mill-partijiet fil-kawża billi tibqa' strettament marbuta mal-motivi u l-argumenti invokati minnhom. Fil-fatt, il-qorti Komunitarja ma għandhiex biss il-kompitu li taġixxi bħala arbitru. Skont l-Artikolu 220 KE, hija għandha wkoll tiżgura r-rispett tad-dritt Komunitarju.

61. Ir-regoli dwar il-proċedura quddiem kull qorti Komunitarja kif ukoll il-ġurisprudenza, għaldaqstant stabbilixxew diversi każijiet li fihom il-qrati Komunitarji, sabiex jaqdu l-kompitu tagħhom li jiżguraw il-legalità, għandhom il-ġurisdizzjoni li jqajmu *ex officio* motiv ta' dritt.

62. Bis-saħħa tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, hija tista' tqajjem *ex officio* n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni manifesta tagħha li tieħu konjizzjoni ta' rikors, jew in-natura manifestament inammissibbli ta' tali rikors jew, jekk ikun il-kaz, in-natura manifestament illegali tiegħu [20]. Hija tista' wkoll tqajjem *ex officio* l-inammissibbiltà tar-rikors għal raġunijiet ta' ordni pubbliku [21], jiġifieri l-ksur ta' kundizzjoni essenzjali għall-ammissibbiltà tar-rikors, bħaż-żmien li fih għandu jiġi ppreżentat rikors [22], l-eżistenza ta' att kontestabbli [23], jew *locus standi* [24], eċċ.

63. Skont il-ġurisprudenza, hija għandha wkoll l-obbligu li tqajjem *ex officio* l-ksur ta' regola tas-sistema legali Komunitarja meta din ir-regola tidher li hija importanti biżżejjed biex tiġi kklassifikata bħala waħda ta' ordni pubbliku. B'hekk ġie aċċettat li l-qorti Komunitarja għandha tqajjem *ex officio* punt ta' *res judicata* [25] u n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-awtur tal-att [26]. Hija għandha wkoll tqajjem *ex officio* l-ksur ta' rekwiżit proċedurali sostanzjali, jiġifieri irregolaritajiet li jaffettwaw il-forma tal-att jew il-proċedura segwita u li jippreġudikaw id-drittijiet ta' terzi persuni jew ta' persuni msemmija minn dan l-att jew dawk li jistgħu jkollhom effett fuq il-kontenut tal-imsemmi att [27], bħal, pereżempju, in-nuqqas ta' awtentifikazzjoni regolari [28] jew in-nuqqas ta' notifika [29].

20 — L-Artikolu 92 (1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, u l-Artikolu 111 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza u l-Artikolu 76 tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

21 — Ara l-Artikolu 92(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 113 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza u l-Artikolu 77 tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

22 — Sentenza tad-29 ta' Ġunju 2000, Politi vs Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) (C-154/99 P, Ġabra. p. I-5019, punt 15 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 — Digriet tal-14 ta' Jannar 1992, ISAE vs VP u Interdata vs Il-Kummissjoni (C-130/91, Ġabra p. I 69, punt 11).

24 — Sentenzi tad-29 ta' April 2004, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-298/00 P, Ġabra p. I 4087, punt 35), u tat-2 ta' Mejju 2006, Regione Siciliana vs Il-Kummissjoni (C-417/04 P, Ġabra p. I-3881, punt 36).

25 — Sentenza tal-1 ta' Ġunju 2006, P & O European Ferries (Vizcaya) u Diputación Foral de Vizcaya vs Il-Kummissjoni (C-442/03 P u C 471/03 P, Ġabra p. I-4845, punt 45).

26 — Sentenza tat-13 ta' Lulju 2000, Salzgitter vs Il-Kummissjoni (C-210/98 P, Ġabra p. I-5843, punt 56).

27 — Din id-definizzjoni ġiet meħuda minn J. Rideau, "Recours en annulation", Jurisclasseur, 2008, parti 331, punt 24.

28 — Sentenza tas-6 ta' April 2000, Il-Kummissjoni vs Solvay (C-287/95 P u C-288/95 P, Ġabra p. I-2391, punt 55).

29 — Sentenza tat-8 ta'Lulju 1999, Hoechst vs Il-Kummissjoni (C-227/92 P, Ġabra p. I-4443, punt 72).

64. F'dawn il-każijiet differenti, id-difett li jivvizzja l-att ikkontestat huwa ta' natura ġravi biżżejjed biex jiġġustifika li l-qorti Komunitarja tippenalizzah, anki jekk dan id-difett ma jkunx ġie mqajjem mir-rikorrenti. Fi kliem ieħor, meta l-att Komunitarju kkontestat imur kontra l-prinċipju ta' *res judicata* jew kien ġie adottat minn awtorità li ma kellhiex il-kompetenza tadottah, jew ukoll, meta jirriżulta minn ksur ta' rekwiżit proċedurali sostanzjali, mhux daqshekk rilevanti li wieħed jara jekk dan l-att huwiex ukoll ivvizzjat minn difetti msemmija mir-rikorrent insostenn tar-rikors għal annullament tagħha. Il-protezzjoni tassistema legali Komunitarju tippermetti jew, jekk ikun il-każ, tobbliga lill-qorti, imsejħa biex tiddeċiedi dwar il-legalità, sabiex tiddeċiedi li l-att inkwistjoni huwa vvizzjat minn difett li, f'kull kaz, iwassal għall-annullament tiegħu.

65. Skont ġurisprudenza stabbilita, in-nuqqas ta' motivazzjoni huwa meqjus ksur tar-rekwiżiti proċedurali sostanzjali u jikkostitwixxi motiv ta' ordni pubbliku li għandu jiġi mqajjem *ex officio* mill-qorti Komunitarja [30].

66. L-għarfien ta' dan l-obbligu jkun nieqes minn effett utli fil-każ li s-setgħa tal-qorti Komunitarja li tqajjem *ex officio* wieħed mill-motivi msemmija iktar 'il fuq kienet tkun suġġetta għall-kundizzjoni li din tkun marbuta mal-motivi u l-argumenti invokati mill-partijiet. Fil-fatt, l-osservanza ta' kundizzjoni bħal din tmur kontra l-għan stess ta' din is-setgħa li tqajjem punt *ex officio*, li hija intiża preċiżament biex tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet tal-partijiet meta regola ta' ordni pubbliku tkun ġiet miksura.

67. Għaldaqstant, il-qorti Komunitarja, adita b'rikors għal annullament, ma tistax tiġi kkritikata li ħarġet mill-kuntest tal-kawża, li eċċediet il-ġurisdizzjoni tagħha, li ddeċidiet *ultra petita* u li kisret ir-Regoli tal-Proċedura tagħha meta tqajjem *ex officio* motiv bħal dan, li jirrigwarda preċiżament il-legalità tal-att li qed jintalab l-annullament tiegħu.

68. Bl-istess mod, il-Kummissjoni ma hijiex iġġustifikata li ssostni li fis-sentenza appellata l-Qorti tal-Prim'Istanza ħarġet mill-kuntest tal-kawża minħabba li l-motiv imqajjem *ex officio* ma kienx relatat mal-punti ta' fatt imressqa mill-partijiet.

69. Fil-fatt, meta qajmet *ex officio* l-motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, jiena ma nifhimx kif il-Qorti tal-Prim'Istanza setgħet toħrog mill-kuntest tal-kawza meta r-rekwiżit ta' motivazzjoni japplika għal kull att Komunitarju, skont l-Artikolu 253 KE. Barra minn hekk, dan l-argument jidher anqas validu peress li l-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/199 huwa espliċitament imsemmi fid-deċiżjoni kkontestata.

30 — Sentenza tat-30 ta' Marzu 2000, VBA vs Florimex *et* (C-265/97 P, Ġabra p. I-2061, punt 114).

70. Din l-analiżi ma tippreġudikax il-kwistjoni dwar jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza kellhiex raġun li tikkunsidra li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata minn insuffiċjenza ta' motivazzjoni fir-rigward tal-inapplikabbiltà tal-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999. F'dan l-istadju tal-analiżi, jiena nixtieq sempliċement nirrileva li meta qajmet *ex officio* dan il-punt il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet qed teżerċita r-rwol tagħha li tiddeċiedi dwar il-legalità. Huwa għalhekk li l-argument tal-Kummissjoni, li jipprovdi li l-proċessi ppreżentati lill-Qorti tal-Prim'Istanza ma jidher li fihom ebda fatt ta' natura li jagħti x'jifhem li l-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999 kien japplika, jirrigwarda, fl-opinjoni tiegħi, il-kwistjoni dwar jekk id-deċiżjoni kkontestata hijiex ivvizzjata minn insuffiċjenza ta' motivazzjoni fir-rigward tal-inapplikabbiltà ta' din id-dispożizzjoni. Dan l-argument ma għandux iqiegħed fid-dubju l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza li tqajjem *ex officio* l-motiv inkwistjoni.

71. Għaldaqstant, fl-opinjoni tiegħi, l-ilmenti esposti mill-Kummissjoni fl-ewwel parti tal-aggravju eżaminat huma infondati.

72. Fit-tieni lok, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni fit-tieni parti tal-aggravju eżaminat, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma użatx il-punt ta' insuffiċjenza motivazzjoni bħala skuża biex tqajjem *ex officio* motiv li jirrigwarda l-legalità sostantiva tad-deċiżjoni kkontestata.

73. Huwa veru li kien ġie deċiż diversi drabi li jekk in-nuqqas ta' motivazzjoni jew l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni huma motivi ta' ordni pubbliku li għandhom jitqajmu minn qorti Komunitarja, il-ksur ta' dispożizzjoni legali relattiva għall-applikazzjoni tat-Trattat fissens tal-Artikolu 230 KE, tista' tiġi eżaminata biss mill-qorti Komuitarja jekk tkun ġiet invokata mir-rikorrent [31]. B'ħekk il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ikkunsidrat li l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet wettqet żball ta' liġi meta użat il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni bħala skuża biex, fil-fatt, tikkritika l-Istituzzjoni li għamlet l-att li wettqet żball ta' evalwazzjoni [32]. Madankollu, is-sentenza appellata ma tistax tiġi kkritikata bl-istess mod.

74. Mill-ġurisprudenza u b'mod partikolari mis-sentenza Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France, iċċitata iktar 'il fuq jirriżulta li l-motiv ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni japplika mhux biss meta l-att ikkontestat huwa nieqes minn kwalunkwe motivazzjoni, iżda wkoll meta din il-motivazzjoni tkun insuffiċjenti fir-rigward ta' punt li jista' jkun ta' natura determinanti għad-deċiżjoni li tkun waslet għaliha l-Istituzzjoni Komunitarja f'dan l-att.

75. B'ħekk, fil-kawża li tat lok għal din is-sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li

31 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France ċċitata iktar 'il fuq, (punt 67); u VBA vs Florimex *et* iċċitata iktar 'il fuq, (punt 114) kif ukoll tat-2 ta' Ottubru 2003, International Power *et* vs NALOO (C-172/01 P, C-175/01 P, C-176/01 P u C-180/01 P, Ġabra p. I-11421, punt 145).

32 — Sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France (punti 68 sa 72); VBA vs Florimex *et* (punti 111 sa 115); kif ukoll International Power *et* vs NALOO (punt 144).

ċaħdet l-ilment tal-Chambre syndicale nationale des entreprises de transport de fonds et valeurs (Sytraval) u ta' Brink's France SARL li jallega l-għajnuna mogħtija mir-Repubblika ta' Franza lill-impriża Sécuripost SA bħala għajnuna mill-Istat. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet ġustament iddeċidiet li d-deċiżjoni inkwistjoni kienet ivvizzjata minn insuffiċjenza ta' motivazzjoni, peress li, minn naħa, il-Kummissjoni ma rrispondietx għal punt, espressament imsemmi fl-ilment, li kien jikkonċerna ħlas totali jew parzjali mill-Istat tar-remenunerazzjoni tal-persunal ta' Sécuripost SA, anki jekk dan il-punt ma kienx ta' natura sekondarja.

76. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li din l-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza kienet fondata sew, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-ilment tal-persuni li jilmentaw li Sécuripost ma tat l-ebda kontribuzzjoni lil fond għal persuni qiegħda fir-rigward tal-persunal issekondat, li fil-konfront tiegħu l-Kummissjoni rrispondiet billi qalet sempliċement li "ebda kontribuzzjoni mhija dovuta lill-fond għal persuni qiegħda għall-impjieg ta' uffiċjali ssekondati, għaliex l-istatut tagħhom jagħtihom garanzija ta' impjieg".

77. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Qorti tal-Prim'Istanza, bi skuża ta' allegata insuffiċjenza ta' motivazzjoni, kienet ikkritikat lill-Kummissjoni li wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u b'hekk ikkontestat il-legalità sostantiva tad-deċiżjoni inkwistjoni billi ddeċidiet, pereżempju, li l-fatt li għotja ta' self ta' FRF 15 000 000 mill-kumpannija holding tas-sussidjarji tal-Posta lil Sécuripost SA kienet tikkostitwixxi tranżazzjoni kummerċjali ma kienx biżżejjed biex juri li l-għotja ma kinitx għajnuna mill-Istat, peress li tranżazzjoni kummerċjali bħal din tista' tiġi magħmula b'rata li tirrapprezenta vantaġġ partikolari, u għaldaqstant il-Kummissjoni kellha teżamina jekk ir-rata użata kinitx tikkorrispondi għar-rata tas-suq [33].

78. Jekk, fid-dawl ta' dawn l-aħħar żewġ eżempji, id-distinzjoni bejn l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni u żball ta' evalwazzjoni tista' xi kultant tidher diffiċli sabiex tiġi stabbilita bi preċiżjoni, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-motiv imqajjem *ex-officio* mill-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenza appellata ma huwiex mingħajr skop u fl-opinjoni tiegħi jirrigwarda b'mod ċar il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

79. Fil-fatt, għandu jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li d-deċiżjoni kkontestata kienet ivvizzjata b'insuffiċjenza ta' motivazzjoni peress li fil-punt 69 tal-motivi tagħha hemm imsemmi, mingħajr ebda spjegazzjoni, li l-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999 ma huwiex applikabbli f'din il-kawża. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma setgħetx tikkontesta l-fondatezza tal-motivi li għalihom il-Kummissjoni kkunsidrat li din id-dispożizzjoni ma kinitx applikabbli, għaliex dawn il-motivi ma humiex imsemmija.

33 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France, iċċitata iktar 'il fuq (punt 70).

80. Għal darb'oħra, din l-analiżi ma tippreġudikax il-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni kellhiex tesponi r-raġunijiet li minħabba fihom ikkunsidrat li l-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999 ma kienx applikabbli f'din il-kawża jew, fi kliem ieħor, jekk id-deċiżjoni kkontestata hijiex nieqsa fuq dan il-punt, minn motivazzjoni li tiġġustifika l-annullament tagħha. Din il-kwistjoni, li hija s-suġġett tar-raba' u l-ħames aggravji ta' dan l-appell, ser tiġi eżaminata sussegwentement. Fl-opinjoni tiegħi, din għandha tiġi sseparata mill-problema analizzata fil-kuntest tal-ewwel aggravju ta' dan l-appell, li tirrigwarda l-portata tas-setgħa tal-qorti Komunitarja li tqajjem *ex officio* motiv ta' dritt bħal dak ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

81. F'dan l-istadju tal-analiżi, jidhirli li huwa importanti li nikkonferma li l-Qorti tal-Prim'Istanza, bħala ġudikatriċi tal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata, kellha l-ġurisdizzjoni meħtieġa biex tqajjem *ex officio* tali motiv, skont il-ġurisprudenza li tipprovdi li huwa l-kompitu tagħha li tqajjem *ex officio* kull motiv ibbażat fuq il-ksur ta' rekwiżit formali essenzjali.

82. Għaldaqstant jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiċħad l-ewwel aggravju bħala infondat.

B — *Fuq it-tieni aggravju*

1. L-argumenti tal-partijiet

83. Il-Kummissjoni ssostni li l-motiv imqajjem *ex officio* mill-Qorti tal-Prim'Istanza ma kienx ġie diskuss u lanqas imsemmi matul il-proċedura bil-miktub u orali quddiem din il-Qorti tal-Ġustizzja. Hija ssostni li b'ħekk il-Qorti tal-Prim'Istanza kisret il-prinċipju ta' kontradittorju, li huwa prinċipju ġenerali ta' proċedura quddiem il-qrati Komunitarji u li huwa stabbilit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB").

84. Essenzjalment, l-appellati jsostnu li bissaħħa tal-Artikolu 62 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza din il-qorti għandha s-setgħa diskrezzjonali li tordna l-ftuħ mill-ġdid tal-proċeduri u li jirriżulta minn dan l-artikolu u mill-Artikolu 113 tal-istess regoli li l-obbligu li jinstemgħu l-partijiet qabel ma jitqajjem *ex officio* motivi jeżisti biss fir-rigward tal-motivi li jwasslu għal-inammissibbiltà ta' rikors jew għal stqarrija li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni. Huma jsostnu wkoll li l-Artikolu 6 tal-KEDB ma japplikax għall-persuni ġuridiċi tad-dritt pubbliku bħalma hija l-Kummissjoni. Sussidjarjament, huma jsostnu li l-portata tal-prinċipju ta' kontradittorju għandha tiġi adattata għall-partijiet inkwistjoni u għan-natura tal-kawża.

85. L-appellati jsostnu li f'din il-kawża dan il-prinċipju ġie osservat inkwantu s-sentenza appellata ma hijiex ibbażata fuq dokumenti jew fatti li l-Kummissjoni injorat.

86. Barra minn hekk, huma jsostnu li l-interessi tal-Komunità ma kinux ġew affettwati. Minn naħa, id-drittijiet tal-Kummissjoni ma kinux ġew miksura, peress li din ma ġietx iddikjarata responsabbli ċivilment jew kriminalment. Min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' motivazzjoni ma setax jiġi rrimedjat sussegwentement, b'tali mod li l-ftuħ mill-ġdid tal-proċeduri ma setax jippermetti lill-Kummissjoni li tressaq argumenti li jwasslu lill-Qorti tal-Prim'Istanza li ma tqajjimx *ex officio* dan il-motiv.

2. Il-kunsiderazzjonijiet

87. Jiena naqbel mingħajr riżervi mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni.

88. Għalkemm, kif sostnejt preċedentement, il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet perfettament kompetenti biex tqajjem *ex officio* motiv bħal dan, jidhirli wkoll li huwa importanti li nirrileva li din il-ġurisdizzjoni setgħet tiġi validament eżerċitata biss b'osservanza tal-prinċipju ta' kontradittorju.

89. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet l-importanza ta' dan il-prinċipju u l-portata wiesgħa ħafna tiegħu fis-sistema legali Komunitarju. B'hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, huwa jikkostitwixxi prinċipju fundamentali [34] li, għaldaqstant, għandu jiġi osservat anki f'nuqqas ta' leġiżlazzjoni speċifika, fil-kuntest ta' kull proċedura li tista' twassal għal deċiżjoni ta' Istituzzjoni Komunitarja li taffettwa b'manjiera notevoli l-interessi ta' persuna [35].

90. Konsegwentement, il-prinċipju ta' kontradittorju japplika quddiem il-qrati Komunitarji. Barra minn hekk, huwa intiż li japplika għall-benefiċċju ta' kull parti f'kawża, kemm favur il-persuni privati kif ukoll favur l-Istati Membri [36] jew l-Istituzzjonijiet. Fil-fatt, skont din is-silta mis-sentenza Snupat vs L-Awtorità Għolja [37] "huwa ksur ta' prinċipju bażiku ta' dritt li wieħed jibbaża deċiżjoni ġudizzjarja fuq fatti u dokumenti li l-partijiet stess, jew xi waħda minnhom, ma setgħux jieħdu inkunsiderazzjoni u li, għaldaqstant, qatt ma kienu f'pożizzjoni li jieħdu pożizzjoni dwarhom".

91. Din id-dikjarazzjoni turi li l-prinċipju ta' kontradittorju huwa inerenti għall-kunċett tal-istat tad-dritt u li dan jimplika li għandha ssir diskussjoni preċedenti fuq l-elementi

34 — Sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala (C-413/06 P, -Ġabra p. I-4951, punt 61).

35 — Sentenza tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann La Roche vs Il-Kummissjoni (85/76, Ġabra p. 461, punt 9), u tal-10 ta' Lulju 2001, Ismeri Europa vs Il-Qorti tal-Awdituri (C-315/99 P, Ġabra p. I 5281, punt 28).

36 — Ara b'mod partikolari s-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2005, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-287/02, Ġabra p. I-5093, punt 37).

37 — Sentenza tat-22 ta' Marzu 1961 (42/59 u 49/59, Ġabra p. 101, 156).

kollha li fuqhom qorti li hija adita b'kawża sejra tibbaża d-deċiżjoni tagħha, independentament mill-kwalità tal-partijiet f'din il-kawża. Għaldaqstant, l-Istituzzjonijiet Komunitarji li l-atti tagħhom huma suġġetti għal stħarriġ ta' legalità quddiem il-qorti Komunitarja u li, f'dan il-kuntest, huma parti f'kawża, għandhom għaldaqstant ukoll jibbenefikaw minnu, taħt l-istess kundizzjonijiet applikabbli għall-persuni l-oħrajn imsemmija fl-Artikolu 230 KE, independentament mill-kwistjoni dwar jekk għandhomx jew le d-dritt li jipprevalixxu ruħom minn ksur tal-Artikolu 6 KEDH quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

92. Skont il-ġurisprudenza, il-prinċipju ta' kontradittorju jimplika d-dritt ta' kull parti f'kawża li, minn naħa, issir taf bl-elementi li fuqhom il-qorti ser jibbaża d-deċiżjoni tagħha u, min-naħa l-oħra, li tkun tista' targumenta dwarhom [38]. Din il-ġurisprudenza hija konformi mal-interpretazzjoni tad-dritt għal proċess kontradittorju mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li tipprovdi li dan id-dritt jifforma parti mill-kunċett ta' "smigħ xieraq" imsemmi fl-Artikolu 6 KEDB [39].

93. Il-prinċipju ta' kontradittorju ma jagħtix biss lil kull parti fil-kawża d-dritt li ssir taf u targumenta dwar id-dokumenti u s-sottomissjonijiet imressqa quddiem il-qorti mill-kontroparti. Jimplika wkoll id-dritt li ssir taf u targumenta dwar il-punti mqajma *ex officio* mill-qorti li fuqhom din tal-aħħar għandha l-intenzjoni li tibbaża d-deċiżjoni tagħha.

94. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet b'mod ċar l-eżistenza ta' dan id-dritt meta l-Qorti tal-Prim'Istanza tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq fatti u dokumenti li ma setgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-partijiet [40]. Min-naħa l-oħra, jekk mhux sejjer żball, ma jidhirx li s'issa l-Qorti tal-Ġustizzja għamlet tali stqarrija meta l-qorti Komunitarja għandha l-intenzjoni tiddeċiedi l-kawża abbażi ta' motiv ta' ordni pubbliku mqajjem *ex officio.*

95. Fl-opinjoni tiegħi, f'dan il-każ, l-obbligu li jiġi osservat il-prinċipju ta' kontradittorju japplika bl-istess saħħa.

96. Fil-fatt, hekk kif il-Kummissjoni enfasizzat fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, dan l-obbligu jirriżulta b'mod ċar mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Skont din il-qorti, hi stess għandha tosserva l-prinċipju ta' kontradittorju, b'mod

38 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Jannar 2002, Plant *et* vs Il-Kummissjoni u South Wales Small Mines (C-480/99 P, Ġabra p. I-265, punti 25 sa 34), kif ukoll tal-14 ta' Frar 2008, Varec (C-450/06, Ġabra p. I-581, punt 47).

39 — Ara, b'mod partikolari, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza Nideröst-Huber vs L-Isvizzera tat-18 ta' Frar 1997, *Reports of Judgments and Decisions* 1997-I, p. 108, punt 24.

40 — Ara s-sentenza, Plant *et* vs Il-Kummissjoni u South Wales Small Mines, iċċitata iktar 'il fuq (punti 25 sa 34). Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet kisret il-prinċipju -ta' kontradittorju meta bbażat id-deċiżjoni tagħha ta' inammissibbiltà tar-rikors tar-rikorrenti fuq informazzjoni misjuba f'kawża magħquda li ma setgħetx tittieħed inkunsiderazzjoni mir-rikorrenti. Ara wkoll is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2005, Il-Kummissjoni vs Aktionsgemeinschaft Recht und Eigentum (C-78/03 P, Ġabra p. I-10737, punti 44 sa 50), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-ilment tal-Kummissjoni li l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet żbaljat meta kklassifikat mill-ġdid ir-rikors tar-rikorrent bħala wieħed intiż sabiex jipproteġi d-drittijiet proċedurali li huwa kellu bis-saħħa tal-Artikolu 88(2) KE u li meta għamlet hekk ma ħallietx lil din l-Istituzzjoni tirrispondi għall-motiv ibbażat fuq il-ksur ta' dawn id-drittijiet proċedurali, kien fondat.

partikolari meta tiċħad appell jew tiddeċiedi kawża abbażi ta' motiv imqajjem *ex officio* [41].

97. Barra minn hekk, fid-dawl tal-għanijiet li l-prinċipju ta' kontradittorju huwa intiż li jilħaq, jien ma nara ebda differenza bejn is-sitwazzjoni li fiha l-qorti trid tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq fatti jew dokumenti li ma jkunux ġew diskussi mill-partijiet, li għaliha tirreferi s-sentenza Plant *et* vs Il-Kummissjoni u South Wales Small Mines iċċitata iktar 'il fuq, u dik li fiha hija tqajjem *ex officio* motiv purament legali.

98. Fil-fatt, il-prinċipju ta' kontradittorju jista' jiġi kkunsidrat li għandu żewġ għanijiet. L-ewwel wieħed fosthom huwa l-informazzjoni lill-qorti. Ir-rekwiżit li l-elementi kollha li jistgħu jkollhom effett fuq id-deċiżjoni tal-kawża għandhom jitqiegħdu għad-diskussjoni mill-partijiet b'hekk jippermetti lill-qorti li tiddeċiedi b'imparzjalità sħiħa u b'għarfien sħiħ tal-kwistjoni, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

99. It-tieni għan huwa intiż li jrawwem fiduċja li l-persuni għandu jkollhom fil-funzjonament tal-ġustizzja. Din il-fiduċja timplika li l-partijiet għandu jkollhom is-serħan tal-moħħ li setgħu jesprimu ruħhom fuq l-elementi kollha li fuqhom il-qorti tibbaża d-deċiżjoni tagħha.

100. Dawn il-kunsiderazzjonijiet japplikaw wkoll meta l-qorti Komunitarja tqajjem *ex officio* motiv purament legali. B'hekk, id-deċiżjoni ta' kawża b'applikazzjoni ta' regola legali, anki jekk din tkun waħda ta' ordni pubbliku, tirriżulta neċessarjament minn evalwazzjoni tal-qorti li tista' tkun biss imtejba u msaħħa, jew, jekk ikun il-każ, invalidata mis-sottomissjonijiet tal-partijiet. Bl-istess mod, għall-parti li titlef, il-fatt li din ma setgħetx issostni l-osservazzjonijiet tagħha fuq ir-regola legali li tagħtiha tort, anki jekk din tkun waħda ta' ordni pubbliku, tista' ġustament tagħtiha l-impressjoni li l-qorti kienet l-alleata tal-kontroparti minħabba l-fatt li ma setgħetx tiddefendi ruħha.

101. Ċertament, hekk kif l-appellati jenfasizzaw, il-prinċipju ta' kontradittorju ma huwiex assolut u jista' jkun suġġett għal derogi.

102. B'hekk, huwa paċifiku li fir-rigward taddokumenti u l-informazzjoni ppreżentati quddiem il-qorti, il-produzzjoni tagħhom tista' tkun suġġetta għal restrizzjonijiet meta dawn ikunu ġustifikati mill-protezzjoni taddrittijiet fundamentali jew ta' interess pubbliku importanti bħall-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali [42]. Bl-istess mod, il-qorti Komu-

41 — Ara b'mod partikolari, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenzi Clinique des Acacias *et* vs Franza tat-13 ta' Ottubru 2003, (punt 38), kif ukoll Prikyan u Angelova vs Il-Bulgarija tas-16 ta' Frar 2006 (punt 42).

42 — Fis-sentenza Varec, iċċitata iktar 'il fuq (punti 47, 50 u 51), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fil-kuntest ta' rikors magħmul kontra deċiżjoni adottata minn awtorità kontraenti fir-rigward ta' proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku, il-prinċipju -ta' kontradittorju inkwantu l-informazzjoni kollha relatata mal-proċedura għall-għoti tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni għandu jiġi bbilanċjat mad-dritt ta' operaturi ekonomiċi oħrajn għall-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali u tas-sigrieti kummerċjali tagħhom. Ara, f'dan l-istess sens, l-Artikolu 116(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza li jipprevedi l-possibbiltà li l-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza jeskludi, mill-komunikazzjoni lill-partijiet li jintervjenu, dokumenti tal-proċess li huma ta' natura kunfidenzjali.

nitarja, bis-saħħa tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, għandha d-dritt li tordna miżuri provviżorji fil-kuntest tal-proċeduri għal miżuri provviżorji "anki qabel ma l-kontroparti tkun ippreżentat l-osservazzjonijiet tagħha" [43]. Finalment, il-qorti Komunitarja tista', permezz ta' digriet u qabel ma tkun semgħet lir-rikorrent, tiċħad rikors meta tkun manifestament inkompetenti biex tieħu konjizzjoni tiegħu jew fil-każ li tali rikors huwa manifestament inammissibbli jew manifestament nieqes minn kull bażi legali [44].

103. Madankollu, fl-opinjoni tiegħi, dawn il-każijiet differenti għandhom jiġu meqjusa bħala eċċezzjonijiet għal prinċipju. Kollha jikkorrispondu għal sitwazzjonijiet speċifiċi ħafna li fihom teżisti raġuni valida biex issir deroga għall-prinċipju ta' kontradittorju. Fl-ewwel żewġ każijiet, din ir-raġuni hija l-protezzjoni ta' interess pubbliku importanti, li għandha tiġi bbilanċjata mal-prinċipju ta' kontradittorju, jew sabiex tiġi ggarantita l-effettività ta' miżura provviżorja ordnata fi proċeduri għal miżuri provviżorji.

104. Finalment, inkwantu d-digrieti mogħtija f'każijiet ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, ta' inammissibbiltà jew ta' nuqqas ta' bażi leġali manifesta, id-deroga għall-prinċipju ta' kontradittorju, għalkemm dubjuża, tista' madankollu tiġi spjegata mill-fatt li fid-dawl ta' tali evidenza, iċ-ċaħda hija meħtieġa li ma tista' tagħti lok għal ebda kontroversja. Fi kliem ieħor, huwa possibbli li wieħed jgħid li ċ-ċaħda tar-rikors ma tirriżultax minn evalwazzjoni tal-qorti imma minn sempliċi konstatazzjoni tal-eżistenza ta' wieħed minn dawn il-motivi.

105. Minn dan jirriżulta li l-Artikolu 113 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza ma jistax jiġi interpretat fis-sens li l-qorti Komunitarja, fil-każ li hija tqajjem *ex officio* punt, għandha tosserva l-prinċipju ta' kontradittorju biss fil-każijiet imsemmija f'din id-dispożizzjoni, jiġifieri meta tqajjem l-inammissibbiltà ta' rikors għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew meta tikkonstata li r-rikors ma għadx għandu skop.

106. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena tal-fehma li dan l-artikolu għandu jinftihem fis-sens li jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tar-rwol tal-qorti Komunitarja li tqajjem *ex officio* punt u mhux bħala limitazzjoni għall-portata tal-prinċipju ta' kontradittorju. Bil-kuntrarju ta' dan, meta jipprovdi espressament li l-partijiet għandhom jinstemgħu, l-imsemmi artikolu jikkonferma l-importanza sħiha ta' dan il-prinċipju fundamentali meta l-qorti tqajjem *ex officio* motiv. Għandu jiġi mifhum bħala applikazzjoni speċifika tal-prinċipju fundamentali ta' kontradittorju.

107. Għaldaqstant, il-qorti Komunitarja għandha tosserva dan il-prinċipju meta jkollha l-intenzjoni li tiddeċiedi kawża abbażi

43 — L-Artikoli 84(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, 105(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza u 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

44 — L-Artikoli 92(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, 111 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza u 76 tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

ta' motiv ta' ordni pubbliku mqajjem *ex officio*. Għal dan il-għan, hija għandha l-obbligu li tressaq dan il-motiv għad-diskussjoni bejn il-partijiet, u jekk ikun il-każ tiftaħ mill-ġdid il-proċeduri.

108. Huwa paċifiku li f'din il-kawża l-Qorti tal-Prim'Istanza kisret dan l-obbligu.

109. Madankollu, l-appellati jikkontestaw li l-prinċipju ta' kontradittorju ġie miksur minħabba l-fatt li n-nuqqas ta' motivazzjoni ma setax jiġi rregolarizzat u għaldaqstant il-ftuħ mill-ġdid tal-proċeduri ma setax jagħti lill-Kummissjoni l-possibbiltà li tressaq argumenti li jwasslu lill-Qorti tal-Prim'Istanza li ma tqajjimx *ex officio* l-motiv inkwistjoni. Għaldaqstant, l-interessi tal-Kummissjoni ma ġewx affettwati.

110. Ċertament, il-prinċipju ta' kontradittorju huwa marbut mad-drittijiet tad-difiża u huwa aċċettat li dawn id-drittijiet ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' applikazzjoni purament formalistika. Skont ġurisprudenza stabbilita, biex jiġi kkunsidrat li d-drittijiet tad-difiża ġew miksura u biex tali ksur jagħti lok għall-annulament ta' att Komunitarju, huwa importanti li l-interessi ta' din il-parti jkunu ġew ippreġudikati [45].

45 — Ara, għal eżempju tal-applikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza, is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2003, Corus UK vs Il-Kummissjoni (C-199/99 P, Ġabra p. I-11177, punti 19 sa 25).

111. Madankollu, fid-dawl tal-għanijiet imfittxa mill-prinċipju ta' kontradittorju u l-valur ta' dan il-prinċipju fis-sistema legali Komunitarja, huwa diffiċli li wieħed jaċċetta li, meta qorti tqajjem *ex officio* motiv ta' dritt ta' ordni pubbliku li fuqu għandha l-intenzjoni li tibbaża d-deċiżjoni tagħha u li ma jaqax fil-kuntest tad- digrieti ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew ta' inammissibbiltà manifesta, l-interessi tal-partijiet ma jkunux ġew affettwati. F'dan ir-rigward għandu jiġi mfakkar li l-Artikolu 113 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza jobbliga lill-Qorti li tisma', mingħajr restrizzjoni, lill-partijiet dwar l-inammissibbiltà tar-rikors imqajjma *ex officio*.

112. Minn dan jirriżulta li anki jekk f'għajnejn il-qorti l-eżitu tal-kawża jkun ċert sal-punt li s-sottmissjonijiet tal-partijiet ma jkollhom ebda effett fuq tali eżitu, il-partijiet xorta waħda jkollhom id-dritt li jiġu informati minn qabel dwar dan il-motiv u li jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom fuqu.

113. Barra minn hekk, f'din il-kawża, ma jidhirx possibbli li jista' jiġi eskluż li l-osservanza tal-prinċipju ta' kontradittorju seta' kellu effett fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

114. Fil-fatt, f'dan l-istadju tal-analiżi, ma huwiex importanti li n-nuqqas ta' motivazzjoni ta' att Komunitarju huwa difett li, fil-prinċipju, ma jistax jiġi rrimedjat. Dak li huwa importanti hu li l-analiżi tal-Qorti tal-Prim'Is-

tanza li tipprovdi li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata minn ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tirriżulta minn evalwazzjoni ġenwina u li din setgħet tagħti lok għal kontestazzjoni.

115. L-evalwazzjoni tal-osservanza tar-rekwiżit ta' motivazzjoni ta' att Komunitarju filfatt tirriżulta minn analiżi konkreta ta' dan l-att fid-dawl ta' bosta kriterji msemmija f'ġurisprudenza stabbilita.

116. Hija ġurisprudenza stabbilita li l-motivazzjoni rikjesta mill-Artikolu 253 KE għandha tkun adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament segwit mill-Istituzzjoni li tkun adottat l-att b'tali mod li tippermetti lill-persuni kkonċernati li jkunu jafu l-ġustifikazzjoni tal-miżura adottata u lill-qorti kompetenti li teżerċita l-istħarriġ tagħha. Ir-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jkun evalwat skont iċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari l-kontenut tal-att, in-natura tal-motivi invokati u l-interess li d-destinatarji jew persuni oħra kkonċernati direttament u individwalment mill-att jista' jkollhom li jirċievu spjegazzjonijiet. Ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-elementi kollha rilevanti ta' fatt u ta' dritt, billi l-kwistjoni jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 253 KE għandha tiġi evalwata mhux biss b'referenza għall-kliem użat fiha, iżda wkoll għall-kuntest tagħha kif ukoll għar-regoli legali kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat [46].

117. Fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet attenta li tesponi, fil-punti 56 sa 62, il-motivi għaliex hija kkunsidrat li l-Kummissjoni kien imissha eżaminat jekk l-eżenzjonijiet ikkontestati setgħux jiġu kkunsidrati bħala għajnuna eżistenti fis-sens tal-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999 u li minnhom iddeduċiet li d-deċiżjoni kkontestata, minħabba li kienet tillimita ruħha li tikkonstata li din id-dispożizzjoni ma kinitx applikabbli, kienet ivvizzjata minn insuffiċjenzja ta' motivazzjoni.

118. Ma huwiex possibbli li jiġi eskluż li l-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza setgħu jkunu differenti li kieku din poġġiet lill-Kummissjoni f'pożizzjoni li tkun tista' tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha fuq dawn il-punti u li ssostni quddiemha l-istess argumenti bħal dawk li l-Kummissjoni żviluppat fil-kuntest tar-raba' u l-ħames aggravji ta' dan l-appell.

119. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddikjara li t-tieni aggravju mqajjem mill-Kummissjoni huwa fondat u li tiddeċiedi li meta annullat id-deċiżjoni kkontestata fuq motiv imqajjem *ex officio* li ma kienx diskuss

46 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-15 ta' April 2008, Nuova Agricast (C-390/06, Ġabra p. I-2577, punt 79), kif ukoll tal-1 ta' Lulju 2008, Chronopost u La Poste vs UFEX *et* (C-341/06 P u C-342/06 P, Ġabra p. I-4777, punt 88 u l-ġurisprudenza ċċitata).

mill-partijiet, il-Qorti tal-Prim'Istanza kisret il-prinċipju ta' kontradittorju u b'hekk ippreġudikat l-interessi tal-Kummissjoni.

120. Għaldaqstant, jiena nipproponi li s-sentenza appellata għandha tiġi annullata.

*C — Dwar il-konsegwenzi tal-annullament tad-deċiżjoni kkontestata*

121. Fil-każ tal-annullament tas-sentenza appellata, l-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprovdi li din tista' jew tirrinvija l-kawża lill-Qorti tal-Prim'Istanza jew tiddeċiedi hi stess il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża.

122. Il-kawża fil-każ preżenti għandha żewġ aspetti. Minn naħa, id-deċiżjoni kkontestata hija s-suġġett ta' rikors għal annullament ibbażat fuq bosta motivi li ma ġewx eżaminati mill-Qorti tal-Prim'Istanza u li, b'konsegwenza ta' dan, ma humiex fi stat li jiġu eżaminati mill-Qorti tal-Ġustizzja.

123. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li l-imsemmija deċiżjoni kienet ivvizzjata minn ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u dan il-punt għandu jiġi eżaminat minn din il-qorti qabel ma ssir evalwazzjoni tal-motivi ta' annullament imqajma mill-partijiet.

124. Jiena tal-opinjoni li sa fejn il-kwistjoni dwar jekk id-deċiżjoni kkontestata hijiex ivvizzjata minn nuqqas ta' motivazzjoni inkwantu l-inapplikabbiltà tal-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999 kienet is-suġġett ta' proċeduri kontradittorji quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża fuq dan il-punt.

125. Barra minn hekk, kif irrilevat il-Kummissjoni, jidher li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddieċiedi dwar dan il-punt għall-amministrazzjoni tajba tal-Ġustizzja. Fil-fatt, tali deċiżjoni għandha tippermetti li tiġi evitata r-ripetizzjoni tal-argumentazzjoni fuq din il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u, jekk ikun il-każ, tagħti lok għal deċiżjoni limitata għall-imsemmija kwistjoni li, fl-agħar każ, tista' tkun is-suġġett ta' appell u ta' rinviju mill-ġdid quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza għall-eżami tal-motivi ta' annullament imqajma mill-partijiet.

126. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà mxiet bl-istess mod fis-sentenza Plant *et* vs Il-Kummissjoni u South Wales Small Mines, iċċitata iktar 'il fuq, fejn, wara li kkonstatat li l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet wettqet irregolarità proċedurali li kkawżat dannu lill-interessi tar-rikorrenti meta ddikjarat ir-rikors tar-rikor-

renti inammissibbli abbażi ta' dokumenti li ma kinux ittieħdu inkunsiderazzjoni minnhom, hija ddeċidiet imbagħad li teżamina l-ammissibbiltà ta' dan ir-rikors [47].

127. Għaldaqstant jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li teżamina flimkien ir-raba' u l-ħames aggravji tal-Kummissjoni, fejn din tipprova turi li s-sentenza appellata hija żbaljata minħabba li l-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li d-deċiżjoni kkontestata kienet ivvizzjata minn nuqqas ta' motivazzjoni inkwantu n-non applikazzjoni tal-Artikolu 1 (b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999.

1. L-argumenti tal-partijiet

128. Ir-raba' u l-ħames aggravji tal-Kummissjoni huma bbażati fuq il-ksur tal-Artikolu 253 KE flimkien mal-Artikoli 87(1) KE u 88(1) KE meħuda flimkien, rispettivament, mar-regoli relattivi għall-andament tal-proċeduri fil-materja ta' għajnuna mill-Istat u mal-Artikolu 1 (b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999.

129. Fil-kuntest tar-raba' aggravju tagħha, il-Kummissjoni ssostni li l-motivazzjoni taddeċiżjoni kkontestata turi li l-eżenzjonijiet inkwistjoni dejjem kienu jikkostitwixxu għajnuna sa minn meta ġew stabbiliti peress li l-imsemmija deċiżjoni kienet turi adegwatament u skont ir-rekwiżiti tal-ġurisprudenza li l-imsemmija eżenzjonijiet kienu ta' natura li jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri u joħolqu distorsjonijiet għall-kompetizzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, skont din l-Istituzzjoni, ma kienx meħtieġ li tispjeġa f'iktar dettall ir-raġunijiet għaliex l-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999 ma kienx japplika.

130. Fil-kuntest tal-ħames aggravju tagħha, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li ċirkustanzi speċifiċi, kollha marbuta mal-aġir tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni, kienu jeżiġu li d-deċiżjoni kkontestata tinkludi motivazzjoni speċifika rigward l-applikabbiltà tal-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999, filwaqt li l-kunċett ta' għajnuna eżistenti jew ġdida mogħtija mill-Istat għandu natura oġġettiva u ma jiddependix mill-aġir jew mid-dikjarazzjonijiet tal-Istituzzjonijiet, speċjalment meta dawn id-dikjarazzjonijiet ma jkunux marbuta mal-proċedura ta' sħarriġ tal-għajnuna. B'hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza marret kontra l-pożizzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2006, il-Belġju u Forum vs Il Kummissjoni [48].

131. B'risposta għar-raba' aggravju, l-appellati jikkunsidraw li r-raġunijiet għall-inapplikabbiltà tal-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament

47 — Sentenza Plant *et* vs Il-Kummissjoni u South Wales Small Mines, iċċitata iktar 'il fuq (punt 35).

48 — C-182/03 u C-217/03, Ġabra p. I 5479.

Nru 659/1999 ma jistgħux jiġu dedotti b'mod ċar mid-deċiżjoni kkontestata li, għaldaqstant, ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' motivazzjoni ċara u mhux ekwivoka. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet ikkritikat lill-Kummissjoni li ma esponietx il-motivi għaliex hija kienet tikkunsidra li l-eżenzjonijiet ikkontestati jwasslu għal distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq komuni filwaqt li preċedentement hija kienet dehret li għamlet evalwazzjoni kuntrarja. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament iddeċidiet li fid-dawl tal-ġurisprudenza, il-Kummissjoni kellha tindika r-raġunijiet li juru li hija kienet għamlet analiżi li tiġġustifika l-konklużjoni tagħha. Permezz ta' dan l-aggravju l-Kummissjoni ppruvat ittaffi n-nuqqas ta' motivazzjoni li kienet tivvizzja d-deċiżjoni kkontestata u tikseb mill-Qorti tal-Ġustizzja deċiżjoni fuq kwistjonijiet sostantivi li ma humiex marbuta ma' tali nuqqas.

132. B'risposta għall-ħames aggravju, l-appellati jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma qegħditx fid-dubju n-natura oġġettiva talkunċett ta' għajnuna mill-Istat, imma kkunsidrat biss li, fid-dawl tad-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni u talaspettattivi leġittimi li huma ħolqu fir-rigward tal-legalità tal-eżenzjonijiet ikkontestati, din tal-aħħar kellha tispjega, fid-deċiżjoni kkontestata, ir-raġunijiet li oġġettivament wasslu biex l-applikazzjoni tal-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999 tiġi eskluża. Peress li l-motivazzjoni ta' deċiżjoni għandha tifforma parti mill-kontenut tagħha stess, ir-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni ma jistgħux ipattu għan-nuqqas ta' motivazzjoni.

2. Il-kunsiderazzjonijiet

133. Jiena tal-opinjoni li n-nuqqas ta' spjegazzjoni dwar il-fatt li l-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999 ma ġiex applikat fid-deċiżjoni kkontestata ma jiġġustifikax li din tiġi annullata minħabba ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

134. Skont il-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq, il-kwistjoni jekk att Komunitarju jissodisfax l-obbligu ta' motivazzjoni impost mill-Artikolu 253 KE għandha tiġi evalwata *in concreto*, b'mod partikolari fid-dawl tal-kontenut tal-att inkwistjoni, taċ-ċirkustanzi li fihom kien ġie adottat u tal-bżonn ta' spjegazzjoni tal-persuni direttament u individwalment ikkonċernati minn din tal-aħħar.

135. Kif rajna, fis-sentenza appellata, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li eżenzjonijiet tad-dazji tas-sisa fuq żjut minerali, li kienu ġew awtorizzati mill-Kunsill fuq proposta tagħha, jikkostitwixxu għajnuna ġdida, inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-għajnuna mill-Istat.

136. Kif ġie enfasizzat mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punti 56 sa 62 tas-sentenza appellata, mill-motivi ta' dawn id-deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni, jirriżultaw diversi indikazzjonijiet

li fid-dawl tagħhom l-Istati Membri u l-impriżi kkonċernati setgħu bir-raġun jaħsbu li l-Kummissjoni kkunsidrat li dawn l-eżenzjonijiet ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, b'mod partikolari għaliex huma ma wasslux għal distorsjoni tal-kompetizzjoni.

137. Kien importanti allura li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tindika b'mod ċar il-motivi li għalihom hija waslet għall-konklużjoni opposta f'din il-kawża. B'mod partikolari, kien imissha tesponi r-raġunijiet għaliex hija kkunsidrat li l-eżenzjonijiet wasslu għal distorsjoni jew għal theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE.

138. Fil-punti 58 sa 64 tal-motivi tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni semmiet ir-raġunijiet għaliex hija kkunsidrat li l-eżenzjonijiet inkwistjoni jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat. B'hekk hija esponiet li dawn l-eżenzjonijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Artikolu 87(1) KE, jiġifieri li huma jagħtu vantaġġ lil ċerti impriżi, li dan il-vantaġġ jingħata permezz ta' riżorsi tal-Istat u li jwasslu għal distorsjoni jew għal theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni.

139. Għaldaqstant, skont il-punt 59 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, l-eżenzjonijiet huma ffinanzjati permezz ta' riżorsi tal-Istat, peress li l-Istat jirrinunzja għal ċertu ammont ta' dħul li seta' jiġbor. Skont il-punt 60 tal-motivi ta' din id-deċiżjoni, huma jagħtu vantaġġ lill-benefiċjarji tagħhom għax inaqqsu l-prezz ta' materja prima importanti. Fl-aħħar nett, skont il-punti 61 u 62 tal-motivi tal-imsemmija deċiżjoni, wieħed jista' jippreżumi li l-imsemmija eżenzjonijiet jaffettwaw il-kummerċ intrakomunitarju u jwasslu għal distorsjoni jew għal theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni peress illi l-allumina hija oġġett ta' kummerċ bejn l-Istati Membri, peress li skont id-dikjarazzjonijiet tal-istess benefiċjarji u tar-Repubblika Franċiża, huma ġew introdotti biex jippermettu lill-produtturi Ewropej li jikkompetu fuq livell dinji, u peress illi teżisti wkoll produzzjoni tal-allumina fil-Ġermanja, fil-Greċja, fi Spanja u fl-Ungerija.

140. Għandu jiġi kkonstatat li, skont dawn l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni, dawn il-kundizzjonijiet kollha huma sodisfatti, inkluża dik li l-għajnuna twassal għal distorsjoni jew għal theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn l-Istati Membri, mingħajr restrizzjoni fiż-żmien, jiġifieri minn meta l-eżenzjonijiet inkwistjoni jkunu ġew implementati.

141. Għaldaqstant minn dawn il-motivi jirriżulta b'mod ċar li l-Kummissjoni kkunsidrat li l-eżenzjonijiet inkwistjoni ma sarux għajnuna mill-Istat wara xi żvilupp tas-suq komuni, imma kienu hekk mill-bidu, b'tali mod li, *a priori,* ma jistgħux jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999.

142. Bl-istess mod, jista' jiġi dedott, f'dan l-istadju tal-qari tad-deċiżjoni kkontestata, li, kieku l-Kummissjoni kienet, meta l-Kunsill awtorizza l-imsemmija eżenzjonijiet, ikkunsidrat li ma kinux imorru kontra d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-għajnuna mill-Istat, din l-evalwazzjoni kienet tkun żbaljata u li, fil-kuntest tal-proċedura speċifika ta' stħarriġ prevista mill-Artikolu 88 KE, kienet tasal għall-konklużjoni opposta.

143. Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni mbagħad esponiet il-motivi għaliex l-eżenzjonijiet inkwistjoni jikkostitwixxu għajnuna ġdida u mhux għajnuna eżistenti. B'hekk hija uriet li dawn l-eżenzjonijiet ma kinux jeżistu qabel l-adeżjoni tat-tliet Stati Membri, li qatt ma kienu ġew analizzati abbażi tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar għajnuna mill-Istat u li ma kinux ġew innotifikati.

144. Huwa f'dan il-kuntest li l-Kummissjoni indikat, fil-punt 69 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, li l-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999 ma kienx applikabbli f'din il-kawża.

145. Fid-dawl tal-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni fis-sentenza Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, din l-affermazzjoni tidher fondata. Infatti, fil-punt 71 ta' din is-sentenza kien ġie deċiż li din id-dispożizzjoni ma hijiex applikabbli meta l-Kummissjoni tibdel l-evalwazzjoni tagħha fuq miżura nazzjonali.

146. Ċertament, il-Kummissjoni ma żiditx din l-ispjegazzjoni fil-punt 69 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata. Eventwalment, jista' jkun ta' ħasra li hija ma indikatx li l-evalwazzjoni li kienet għamlet fuq dawn l-eżenzjonijiet fil-kuntest tal-awtorizzazzjoni tagħhom mill-Kunsill, permezz tad-direttivi relattivi għaddazju tas-sisa fuq iż-żjut minerali, ma setgħetx tiġġustifika li l-imsemmija eżenzjonijiet jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999. Din il-ħasra tista' tqum ukoll minħabba l-fatt li, meta d-deċiżjoni kkontestat ġiet adottata, is-sentenza Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, kienet għadha ma ngħatatx.

147. Madankollu, jiena nqis li tali spjegazzjoni ma kinitx verament meħtieġa fir-rigward tal-kliem tal-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999, peress li l-għan ta' din id-dispożizzjoni ma jirreferix għal bidla fl-evalwazzjoni tal-Istituzzjonijiet Komunitarji, iżda biss "l-iżvilupp tas-suq komuni" jew il-"liberalizzazzjoni ta' attività mid-dritt Komunitarju".

148. F'kull każ, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma kinitx iġġustifikata li tikkritika lill-Kummissjoni talli ma eżaminatx il-kwistjoni dwar jekk l-eżenzjonijiet ikkontestati setgħux jiġu kkunsidrati bħala għajnuna eżistenti fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, minħabba l-fatt li ma kinux jikkostitwixxu għajnuna meta daħlu fis-seħħ iżda saru għajnuna sussegwentement minħabba l-izvilupp tas-suq komuni u mingħajr ma ġew modifikati mill-Istati Membri kkonċernati.

149. Fl-opinjoni tiegħi, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata tagħmel tali eżami, peress li hija kienet esponiet, fil-punti 58 sa 64 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, li l-eżenzjonijiet inkwistjoni kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat mingħajr ebda restrizzjoni ta' żmien, jiġifieri minn meta daħlu fis-seħħ. Fl-opinjoni tiegħi, dawn il-motivi kienu biżżejjed biex jippermettu lill-Istati Membri u lill-impriżi kkonċernati direttament u individwalment mid-deċiżjoni kkontestata li jifhmu għaliex il-Kummissjoni kkunsidrat li l-eżenzjonijiet inkwistjoni ma kinux saru għajnuna mill-Istat minħabba żvilupp tas-suq komuni u, għaldaqstant, ma kinux jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999.

150. Din l-analiżi ma tippreġudikax il-kwistjoni jekk fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni urietx biżżejjed skont il-liġi li l-eżenzjonijiet inkwistjoni ilhom mill-bidu jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti mill-Artikolu 87(1) KE, u b'mod partikolari, li minn mindu daħlu fis-seħħ wasslu għal distorsjoni jew għal theddida ta' distorsjoni. Jiena rrid sempliċement ngħid li, dwar dak li ssemma' fil-punti 58 sa 64 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, ma kienx meħtieġ li l-Kummissjoni teżamina jekk l-eżenzjonijiet inkwistjoni sarux għajnuna wara żvilupp tas-suq komuni u jekk kinux jaqgħu taħt l-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999.

151. Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li jien tal-opinjoni li d-deċiżjoni kkontestata ma hijiex ivvizzjata minn ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni għal dak li jikkonċerna l-inapplikabbiltà tal-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999.

## V — Konklużjoni

152. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi kif ġej:

"1) Is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-12 ta' Diċembru 2007, L-Irlanda *et* vs Il-Kummissjoni (T-50/06, T-56/06, T-60/06, T-62/06 u T-69/06), hija annullata inkwantu din tal-aħħar:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/323/KE tas-7 ta' Diċembru 2005 dwar l-eżenzjoni mid-dazju tas-sisa fuq iż-żjut minerali użati bħala kombustibbli għall-produzzjoni ta' allumina fir-reġjun ta' Gardanne, fir-reġjun ta' Shannon u f'Sardinja, implementata rispettivament minn Franza, l-Irlanda u l-Italja, għar-raġuni li, f'din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej kisret l-obbligu ta' motivazzjoni fir-rigward tan-nuqqas ta' applikazzjoni f'din il-kawża tal-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [88 KE];

— tiċħad il-kumplament tar-rikors fil-Kawża T-62/06 u

— tiddikjara li l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tbati l-ispejjeż tagħha u dawk tar-rikorrenti, inklużi dawk li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri għal miżuri provviżorji fil-Kawża T-69/06 R.

2) Il-Kawżi T-50/06, T-56/06, T-60/06, T-62/06 u T-69/06 huma rrinvijati quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej."